

Brussell, 8 ta' Mejju 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0297 (COD)

8836/26
ADD 1

CODEC 853
POLCOM 166
SPG 4

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 (**l-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
= Dikjarazzjoni

Greċja, Spanja u l-Italja talbu li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Fir-rigward tal-abbozz ta' Regolament dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji, il-Greċja, Spanja u l-Italja, li flimkien jirrapreżentaw madwar 85 % tal-produzzjoni tar-ross tal-UE, jixtiequ jiddikjaraw dan li ġej. L-inklużjoni ta' salvagwardja awtomatika għar-ross hija pass kruċjali. Madankollu, l-oġġettiv tagħna bħala proponenti tas-salvagwardja ma kienx is-salvagwardja nnifisha, iżda pjuttost il-protezzjoni li s-salvagwardja tagħti. Sfortunatament, ir-riżultat tan-negożjati jissuġġerixxi li s-salvagwardja mhux ser tkun biżżejjed biex ittaffi s-sitwazzjoni li qed jiffaċċa s-settur tar-ross Ewropew.

Impenjajna ruġna b'mod kostruttiv matul il-proċess kollu u wrejna flessibbiltà fit-tfittxija għal kompromess iżda l-kombinazzjoni ta' reviżjoni annwali tal-limiti u żieda ta' 45 %, fil-fehma tagħna, tagħmel l-attivazzjoni ta' din is-salvagwardja virtwalment impossibbli.

Għalhekk m'aħniex f'pożizzjoni li napprovaw l-eżitu tat-trilogu li sar fl-1 ta' Diċembru 2025, peress li l-parametri tal-mekkaniżmu ta' salvagwardja awtomatika għar-ross mhumiex definiti b'mod li jiżgura l-effettività tiegħu, u lanqas l-attivazzjoni f'waqtha tiegħu meta jkun meħtieġ biex titħares il-vijabbiltà tas-settur tar-ross Ewropew.

Fil-ġejjieni, ser tkun meħtieġa perspettiva olistika biex jiġu indirizzati l-isfidi differenti li qed jiffaccà s-settur Ewropew tar-ross u biex dawn jitqiesu fi ftehimiet futuri.
